minn Tonio Farrugia

## Kampjonat 1954-55

# Floriana champions għas-17-il darba



*Tony Cauchi, Pullu Demanuele, Lolly Borg u Lolly Debattista bid-"double" li Floriana rebħu fl-1954-55*

### It-Tlettax-il Ġurnata

**15-04-1955:**
**Sliema Wdrs. FC. – Birkirkara FC 2-1**
**H.T 2-0**
**Skurjaw: S. Nicholl (S) 22′ u 44′ u P. Carbonaro (B) pen. 47′.**
**Referee: Salvu Pirotta.**
**Linesmen: E.V. Norton Jones u J. Borg.**

*Sliema Wdrs.* FC: Ray Cosby, Salvu Bonnici, Alex Gollcher, Ninu Calleja, Henry Hayston, Salvinu Schembri, Tony Nicholl, Robbie Buttigieg, Joe 'Jockey' Xuereb, Maurice Walsh, Sammy Nicholl.

*Birkirkara FC*: Lolly Rizzo, Tony Pandolfino, Joe Agius, Leli 'Il-Likku' Saliba, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Alfred Crockford, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Norman Bell, Bertie Agius, Tarċisju Cuschieri, Pawlu 'Polly' Carbonaro.

1. Sliema Wdrs. FC kellhom nieqes lill-goalkeeper Victor Xerri minħabba uġiegħ fil-minkeb u lil Karm Borg minħabba ksur fix-xedaq, filwaqt li Ġużi Bonnici kien sospiż partita wara l-inċident li kellu ma' Gejtu Psaila fl-aħħar ħarġa ta' Sliema. Biex jimlew il-vojt il-Wanderers daħħlu lil Raymond Cosby u Henry Hayston filwaqt li taw id-debutt liż-żagħżugħ promettenti tal-Minors, Robbie Buttigieg, li jiġi missier John Buttigieg il-plejer li fis-snin tmenin u disgħin lagħab ma' Sliema, Floriana, Valletta u Brentford tal-Ingilterra.

**16-04-1955:**
**Hibernians FC – Ħamrun Sp. FC 1-1**
**H.T 1-0**
**Skurjaw: J. Ciantar (Hibs) 37′ u A. Drago (Ħam) 60′.**
**Referee: Joe M. Cassar Naudi**

**Linesmen: A.F. West u Edward Agius.**

*Hibernians FC*: Edwin Gili, Colin Tabone, Frans Borg, Sunny Anastasi, Victor Formosa, Louis Theobald, Leli Spiteri, Henry Vella, Fredu Church, Joe 'Il-Felli' Ciantar, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

*Ħamrun Sp. FC*: Ġużi 'Yumi' Bonnici, Salvu Azzopardi, Freddie 'Ix-Xibi' Sciberras, George Jones, Carmelo 'Nene' Grech, Johnnie 'Is-Sakarm' Borg, Franġisku Formosa, Armando Drago, Joe 'Ir-Rumba' Dimech, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Romeo Psaila.

**23-04-1955:**
**Floriana FC – Rabat FC 2-1**
**H.T 2-1**
**Skurjaw: P. Demanuele (F) 10', P. Said (R) 29' u L. Borg (F) 31'.**
**Referee: Edward Agius**
**Linesmen: George Degiorgio u Turu Lentini.**

*Floriana FC:* Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Lolly Debattista, Leli Zammit, Tony Vella, Pullu Mousu, Ġużi Bennetti, Lolly 'Ir-Roy' Vella, Lolly Borg, Tony 'Majsi' Cauchi, Pullu 'Il-Koku' Demanuele, Charlie 'In-Najsu' Bennetti.

*Rabat FC:* Anthony Micallef, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Joe 'Parsottu' Cilia, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Joe 'Il-Wirxu' Aquilina, Paddy Sloan, Charlie 'Il-Kis' Zahra, Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Charlie Theuma, Ernest Chappelle.

1. B'din ir-rebħa Floriana FC Malta saru champions tal-Kampjonat għas-17-il darba. Huma rebħu dan l-unur għall-ħames darba fl-aħħar sitt staġuni.

2. Tony Cauchi weġġa' wara 59 minuta wara li ħabat rasu ma' sieħbu tat-tim Pullu Demanuele. Huwa ttieħed l-isptar fejn sarulu erba' punti fuq għajnejh il-leminija u reġa' lura fil-partita fejn irnexxielu jasal minuta qabel it-tmiem. Min-naħa tiegħu għall-istess ħabta, il-plejer Demanuele rritorna fil-ground tliet minuti wara l-inċident iżda wkoll ħtieġlu jagħmel punt wieħed f'rasu wara l-partita.

3. Minbarra li kellhom erba' plejers li ġurnata qabel lagħbu mat-team tal-Armata fil-Army Cup Final, Floriana kellhom nieqes lis-centre-half Charlie Brincat li weġġa' tlitt ijiem qabel il-partita fit-training fejn postu ħadu Pullu Mousù. Madankollu Floriana kellhom lura lil Tony Vella li flimkien ma' Pullu Demanuele kien tilef postu mill-ewwel team ta' Floriana wara t-telfa ta' 2-0 ma' Sliema tliet xhur qabel.

4. Rabat FC kienu mingħajr iż-żewġ plejers 'Furjaniżi' tagħhom Ġorġ Dalli u Charlie Azzopardi 'Il-Grioss'. Dalli wkoll kien lagħab fl-Army Cup Final ġurnata qabel. Kemm Dalli kif ukoll Azzopardi ma lagħbux aktar ma' Rabat.

**24-04-1955:**
**Valletta FC – St.George's FC 3-0**
**H.T 1-0**
**Skurjaw: S. Rapinett (V) 23', Ż. Micallef (V) 68' u S. Rapinett (V) 84'.**
**Referee: E.V. Horton Jones.**
**Linesmen: Walter (Watty) Gatt u W. F. West**

*Valletta FC*: Pawlu Montebello, Ken Everest, Edwin 'Dwinu' Schembri, Joe 'It-Tichy' Grech, Leli Borg Bonaci, Harry Degiorgio, Żeppi Micallef, Leli Borg, Silvio Rapinett, Jackie Grech, Philip Baldacchino.

*St. George's FC*: George Borg, Twanny Mallia, Willie Xerri, Freddie Falzon, Żużu Rizzo, Peppi Delceppo, Oscar Bartolo, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Salvu 'Scotch' Scicluna, Joe Mizzi.

1. Valleta għamlu kwarta jilagħbu b'għaxar plejers meta l-plejer tagħhom Joe Grech 'It-Tichy' weġġa' wara nofs siegħa logħob u rritorna jilgħab fil-bidu tat-tieni taqsima.

2. Valletta jidher li solvew il-problema ta' goalkeeper li kienet ilha għaddejja diversi xhur wara li rritorna bejn il-lasti Pawlu Montebello. Aħbar oħra tajba għall-Beltin kienet li erbat ijiem wara kellu jirritorna Malta mill-Kanada l-plejer, Joseph Azzopardi, fejn kien hemm il-ħsieb li jkun fit-team għall-partiti tat-Trophy.

3. Wara din it-telfa St. George's sfaw relegati meta issa kienu jinsabu tliet punti taħt Birkirkara meta kien jonqos partita waħda għal tmiem il-kampjonat.

**Klassifika:** Floriana FC 24 pt.; Sliema Wdrs. FC 21 pt.; Ħamrun Sp. FC 18-il pt.; Valletta FC 11-il pt.; Rabat FC 9 pti.; Birkirkara FC and Hibernians FC 8 pti. u St. George's FC 5 pti.

**L-Aqwa Skorers:** T. Cauchi u L. Borg (Floriana FC) 13-il goal; S. Nicholl u J. Xuereb (Sliema Wdrs. FC) 11-il goal u G. Psaila (Ħamrun Sp. FC) 6 goals.

## L-Erbatax-il Ġurnata

**30-04-1955:**
**Hibernians FC – St. George's FC 5-1**
**H.T 0-1**
**Skurjaw: O. Bartolo (St.Geo) 25', E. Agius (H) 50' u 51', J. Coreschi (H) 62', L. Theobald (H) 67' u E. Agius (H) 79'.**
**Referee: George Degiorgio**
**Linesmen: Walter (Watty) Gatt u Joe Genovese.**

*Hibernians FC*: Edwin Gili, Joe Grixti, Frans Borg, Sunny Anastasi, Victor Formosa, Louis Theobald, Piju Frendo Cumbo, Henry Vella, Emilio Agius, Leli Spiteri, John Coreschi.

*St. George's FC*: George Borg, Victor Rizzo, Patrick O'Shea, Freddie Falzon, Bertu Schreiner, Willie Xerri, Oscar Bartolo, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Salvu 'Scotch' Scicluna, Joe Mizzi.

1. Iż-żagħżugħ Emilio Agius fl-uniku partita tiegħu fl-ewwel team ta' Hibernians skorja hat-trick. Skond il-gazzetti tal-epoka fl-ewwel taqsima Agius ftit li xejn kien effettiv tant li għat-tieni taqsima ma baqax centre-forward u beda jilgħab mal-linja. Kien minn din il-pożizzjoni fil-fatt li skorja l-goals li bidlu l-partita.

2. Ir-referee George Degiorgio fil-passat tiegħu kien ex-plejer ta' St. George's fejn fl-istaġun, 1936-37, kien skorja ż-żewġ goals fir-rebħa ta' 2-0 fuq Hibernians u kien ukoll l-awtur ta' goal storiku li kien ta' rebħa ta' 1-0 lil St. George's fuq Floriana. B'dawk it-tliet goals huwa kien spiċċa l-aqwa skorer tal-kampjonat bi tliet goals daqs George Bond ta' Floriana u Joe Sammut 'Il-Brownie' ta' Sliema Wanderers.

**01-05-1955:**
**Floriana FC – Sliema Wdrs. FC. 1-0**
**H.T 0-0**
**Skorja: P. Demanuele (F) 57'.**
**Referee: Joe M. Cassar Naudi**
**Linesmen: J. Borg u Salvu Pirotta.**

*Floriana FC*: Ġużi Alamango, Lolly Debattista, Leli Zammit, Tony Vella, Karmenu Xerri, Ġużi Bennetti, Lolly 'Ir-Roy' Vella, Lolly Borg, Joe Cini, Pullu 'Il-Koku' Demanuele, Charlie 'In-Najsu' Bennetti.

*Sliema Wdrs. FC*: Victor Xerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Alex Gollcher, Ninu Calleja, Salvu Bonnici, Salvinu Schembri, Tony Nicholl, Robbie Buttigieg, Joe 'Jockey' Xuereb, Maurice Walsh, Sammy Nicholl.

1. B'din ir-rebħa, hekk kif Floriana temmew l-impenji tal-kampjonat huma ħolqu rekord ta' distakk ta' punti mit-team fit-tieni post meta spiċċaw ħames punti fuq Sliema Wdrs. FC. Barra minn hekk huma ġabru record ta' 26 punt minn massimu ta' 28 punt meta fallew biss fit-telfa ta' 2-0 kontra l-istess Sliema tal-ewwel round biex kisru r-rekord tagħhom stess meta fl-1949-50 kienu tellgħu 24 punt. Mill-introduzzjoni taż-żgħażagħ tal-Ajax fl-ewwel team Floriana ddominaw ix-xena tal-football lokali.

2. B' Tony Cauchi kien għadu mweġġa' minħabba l-punti li għamel f'rasu fl-aħħar ħarġa Floriana daħħlu żagħżugħ promettenti mit-team tal-Minors tagħhom – Joe Cini li ironikament spiċċa biex kellu karriera mill-aqwa fil-football Malti mar-rivali Sliema Wdrs. FC.

3. Il-goalkeeper Ġużi Alamango rritorna bejn il-lasti Furjaniżi għal din l-aħħar partita tal-kampjonat. Huwa kien ilu nieqes sitt xhur, mir-rebħ ta' 3-2 fuq St. George's tat-30 ta' Ottubru 1954.

**07-05-1955:**
**Valletta FC – Ħamrun Sp. FC 2-0**
**H.T 1-0**
**Skorja: S. Rapinett (V) 16' u 89'.**
**Referee: Carmel L. Bugeja**

**Linesmen: E. V. Norton Jones u Joe Genovese.**

*Valletta FC*: Pawlu Montebello, Ken Everest, Edwin 'Dwinu' Schembri, Joe 'It-Tichy' Grech, Leli Borg Bonaci, Harry Degiorgio, Żeppi Micallef, Leli Borg, Silvio Rapinett, Jackie Grech, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo.

*Ħamrun Sp. FC*: Ġużi 'Yumi' Bonnici, Salvu Azzopardi, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, Frans Damato, Carmelo 'Nene' Grech, Johnnie 'Is-Sakarm' Borg, Franġisku Formosa, Armando Drago, Ġużi 'Iz-Zizell' Psaila, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Romeo Psaila.

1. Il-goalkeeper ta' Valletta Pawlu Montebello minkejja li tkeċċa fil-partita mill-kampjonat tat-Tieni Diviżjoni mat-tieni team ta' Valletta kontra Vittoriosa Stars li kienet ġiet abbandunata fit-42 minuta minħabba ġlied bejn plejers u partitarji, lagħab xorta waħda f'din l-aħħar logħba tal-kampjonat minħabba li l-Bord tad-Dixxiplina kien għadu ma ħariġx b'deċiżjoni finali bil-każ jitħalla għall-Ġimgħa, 13 ta' Mejju. Minħabba f'hekk, Valletta akkwistaw lill-goalkeeper Edwin Zammit biex ikun jista' jilgħab għall-partita tat-Trophy.

**08-05-1955:**
**Birkirkara FC – Rabat FC 4-0**
**H.T 3-0**
**Skurjaw: A. Schranz (B) 12', F. Bonnici (B) 27', A. Crockford (B) 42' u L. Saliba (B).**
**Referee: B.S.M Joseph Galea**
**Linesmen: W. F. West u Carmel Galea.**

*Birkirkara FC*: William Templeman, Tarċisju Cuschieri, Joe Agius, Leli 'Il-Likku' Saliba, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Alfred Crockford, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Norman Bell, Albert Schranz, Sunny Bennetti, Pawlu 'Polly' Carbonaro.

*Rabat FC*: Freddie Clarke, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Joe 'Parsottu' Cilia, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Joe 'Il-Wirxu' Aquilina, Anthony Mousu, Charlie 'Il-Kis' Zahra, Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Charlie Theuma, Ernest Chappelle.

1. Rabat kienu mingħajr il-plejer-kowċ tagħhom Paddy Sloan li ħalla Malta jumejn qabel il-partita hekk kif intemmlu l-kuntratt mal-Magpies.

2. Fis-17-il minuta, bl-iskor 1-0 Rabat fallew okkażjoni tajba li jiksbu d-draw meta Charles Zahra xxuttja barra minn penalty.

3. Skond il-ġurnal *Times of Malta*, ir-referee ta' din il-partita kien C. Galea għalkemm il-Berqa u l-Football Annual ikkonfermaw li J. Galea kkontrolla din il-partita.

# AĦBARIJIET

Fis-7 ta' Mejju, 1955, fil-partita tan-knock-out tal-Minors Vittoriosa Stars għelbu lil Qormi Youngsters bl-iskor ta' 6-0. Sakemm wieħed jara l-iskor kollox ikun normali imma l-plejers tal-Istars skorjaw is-sitt goals tagħhom kollha fil-ħin barrani wara li sad-disgħin minuta l-iskor kien għadu ma nfetaħx. Il-goals ta' Vittoriosa waslu minn żewġ goals ta' Sammut u Attard u goal ta' kull wieħed ta' Cassar u Busuttil.

Fid-19 ta' Mejju 1955 it-team Malti MFA XI għeleb lit-team tas-Serie A Catania fil-Gżira Stadium. Il-goals tal-Maltin skurjawhom Frans 'Lula' Bonnici, Charles Azzopardi 'Il-Grioss' li ħa l-ballun minn rebound wara li Lolly Debattista laqat il-lasta minn penalty, bl-istess Lolly Debattista jiskorja t-tielet goal Malti minn penalty ieħor. Għal Catania lagħab bejn il-lasti Harry Threadgold li kien il-goalkeeper tat-team Ingliż tat-Tielet Diviżjoni Southend United li kienu jinsabu Malta huma wkoll fuq Tour.

**KLASSIFIKA FINALI**

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| FLORIANA | 14 | 13 | 0 | 1 | 40 | 7 | 26 |
| Sliema W. | 14 | 10 | 1 | 3 | 33 | 16 | 21 |
| Ħamrun S. | 14 | 7 | 4 | 3 | 23 | 8 | 18 |
| Valletta | 14 | 5 | 3 | 6 | 18 | 22 | 13 |
| Birkirkara | 14 | 4 | 2 | 8 | 17 | 23 | 10 |
| Hibernians | 14 | 4 | 2 | 8 | 18 | 36 | 10 |
| Rabat | 14 | 2 | 5 | 7 | 12 | 28 | 9 |
| St. George's | 14 | 1 | 3 | 10 | 15 | 36 | 5 |

1. Floriana FC Champions tal-Kampjonat Malti1954-55
2. St.George's FC sfaw relegati għat-Tieni Diviżjoni.

**L-AQWA SKORERS (176 Goal)**

**13-il Goal:** Tony Cauchi u Lolly Borg (Floriana FC).
**11-il Goal:** S. Nicholl u J. Xuereb (Sliema Wdrs. FC.)
**6 Goals:** Gejtu Psaila (Ħamrun Sp. FC)
**5 Goals:** S. Rapinett (Valletta FC)
**4 Goals:** F. Bonnici (Birkirkara FC); B. Camilleri (Floriana FC); F. Formosa (Ħamrun Sp. FC) H. Vella u F. Church (Hibernians); N. Calleja (Sliema Wdrs. FC) u P. Zammit (Valletta FC).
**3 Goals:** F. Preca (Birkirkara FC); P. Demanuele (Floriana FC); A. Drago (Ħamrun Sp. FC); E. Agius (Hibernians); C. Azzopardi u P. Said (Rabat FC); O. Bartolo, S. Scicluna, J. Mizzi u E. Mizzi (St. George's FC).
**2 Goals:** A. Schranz, B. Agius u P. Carbonaro (Birkirkara FC); L. Vella u Ż. Alamango (Floriana FC); R. Psaila u K. Camilleri (Ħamrun Sp); L. Cassar u J. Ciantar (Hibernians FC); C. Zahra u C. Theuma (Rabat FC); T. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) u P. Vassallo (Valletta FC).
1 Goal: L. Caruana, T. Cuschieri, A. Crockford u L. Saliba (Birkirkara FC); F. Xuereb, C. Bennetti u J. Bennetti (Floriana FC); V. Grima, J. Dimech, J. Borg u Ġużi Psaila (Ħamrun Sp); E. Spiteri, J. Coreschi u L. Theobald (Hibernians FC); T. Caruana u J. Azzopardi (Rabat FC); J. Wilson, W. Xerri u N. Mizzi (St. George's FC); G. Coulet, S. Schembri, C. Xerri u M. Walsh (Sliema Wdrs. FC); L. Pace, N. Mackay, J. Urpani, L. Borg Bonaci, Jackie Grech u Ż. Micallef (Valletta FC).

**ERBA' AUTO GOALS:**

27-11-1954: Anthony Micallef ta' Rabat FC favur Ħamrun Spartans FC (0-1)
23-01-1955: Frans Damato ta' Ħamrun Sp. FC favur Valletta FC. (1-1)
30-01-1955: Freddie Falzon ta' St. George's FC favur Ħamrun Spartans (0-1)
20-03-1955: Peppi Delceppo ta' St. George's FC favur Sliema Wdrs. FC. (2-5)

Noti:

Il-plejer Joe Xuereb ta' Sliema Wanderers minbarra li spiċċa fit-tieni post tal-aqwa skorers tal-Ewwel Diviżjoni bi 11-il goal kien spiċċa wkoll l-aqwa skorer tal-kampjonat tat-Tieni Diviżjoni mat-tieni team tal-Wanderers b'seba' goals.

F'xi gazzetti tal-epoka fil-klassifika tal-aqwa skorers issib li Gejtu Psaila ta' Ħamrun Spartans skorja b'kollox ħames goals minflok sitta. Dan minħabba li fil-partita tat-2 t'April 1954 bejn Ħamrun Spartans u St.George's (7-0) il-goal issibu mniżżel bħala goal ta' Gejtu Psaila fuq il-ġurnali Leħen is-Sewwa u l-Berqa filwaqt li fuq il-Football Annual ta' Robbie Decesare u fuq il-ġurnal The Times of Malta l-istess goal issibu mniżżel bħala autogoal ta' Edward Azzopardi. Fl-istatistika t' hawn fuq il-goal qed jidher daqs li kieku ġie skurjat minn Gejtu Psaila.

Goal ieħor li wkoll issibu differenti fuq sorsi diversi huwa l-autogoal li ddeċieda l-partita Ħamrun Spartans – Rabat FC (1-0) tas-27 ta' Novembru 1954 meta clearance ħażina minn fuq il-linja tad-difensur Rabti Alfie Pearson ħabtet mall-goalkeeper sieħbu Anthony Micallef u ntemmet fix-xibka. Anke hawn, il-Football Yearbook u t-Times of Malta jniżżlu li l-autogoal ġie ikkaġunat minn Pearson filwaqt li Leħen is-Sewwa u l-Berqa jsostnu li l-autogoal ġie kkaġunat mill-goalkeeper Micallef. Hawnhekk l-autogoal qegħdin nikkunsidrawh li sar mill-goalkeeper Anthony Micallef.